# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza tas-7 ta' Novembru 2023**

**Talba nru. 66/2022**

**MIKAELA SCERRI**
**(KI 520486M)**

*VERSUS*

**MARTHA MIZZI**
**(KI 53099M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talba ipprezentat fis-7 ta' Marzu 2022 (Fol 1 et seq), l-attrici talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-intimata thallas is-somma ta' erbat elef u hames mitt Ewro (Eur 4,500) rapprezentanti rifuzjoni ta' spejjez in konnessjoni ma' tahrig imwettaq matul l-impieg ai termini tal-kuntratt t'impieg. Bl-ispejjez u bl-imghax inkluz il-mandat ta' sekwestru 397/2022.

Ra r-risposta ipprezentata mill-intimata fit-3 ta' Gunju 2022 fejn fiha gie ecceppit illi hija qatt ma rceviet ebda forma ta' tahrig mir-rikorrenti u dan ghax kien impossibbli ghaliha li tattendi dawn il-korsijiet darba fil-gimgha stante li kienet tispica xoghol fil-5:00pm u cioe fl-istess hin li kien jibda t-tahrig. Illi ghalhekk, l-attrici qatt ma jista jkun li baghtiet spejjez ghat-tahrig ta' l-intimata u ghaldaqstant l-intimata m'ghandiex tkun mgieghla thallas spejjez skond il-klawsola tal-kuntratt. Illi l-ammont pretiz fil-kuntratt jekwivali ghal ftit inqas minn nofs il-paga annwali ta' l-intimata u huwa assurd li t-tahrig mehtieg ghal din il-kariga ta' l-intimata, ikun ekwivalenti ghal 6 xhur paga.

Ra l-affidavits prezentati.

Ra d-dokumenti prezentati.

Sema x-xhieda.

Ra l-atti processwali.

Sema t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri.

Ra illi din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Provi

Illi qabel dan it-Tribunal jaghmel il-kunsiderazzjonijiet tieghu, ikun utli li ssir sintezi tal-provi migjuba.

Illi l-attrici Mikaela Scerri xehdet permezz ta' affidavit fejn stqarret illi l-intimata Martha Mizzi kienet giet impjegata fuq bazi full time permezz ta' kuntratt datat 31 t'Awwissu 2021, u dan ghal zmien indefinit fil-pozizzjoni ta' accounts and administration officer. Dan il-kuntratt kellu jidhol fis-sehh fl-1 t'Ottubru 2021.

L-attrici tghid illi l-paga moghtija lill-intimata kien jammonta ghal Eur 15,600 fis-sena peress li mizjud mal-paga kien hemm fixed gross monthly allowance ta' Eur 500 fix-xahar liema allowance kien jigi awmentat kull sena sa tlett snin. Tkompli tghid illi inholoq Training Academy u gew investiti sistemi ta' tahrig sabiex l-impjegati jkunu jistghu jitghallmu izjed. Tali seminars ghall-impjegati kienu jsiru f'ufficcju fl-Imsida fil-5pm u anke online ghal min ma setax jattendi b'mod fiziku.

Illi l-impjegati kienu jkunu jafu b'dawn is-seminar permezz ta' emails li kienu jintbaghtu lilom. Il-frekwenza ta' dawn is-seminars kienu ta' darba fil-gimgha jew fil-hmistax. L-attrici tghid illi dan it-tahrig kien jinghata minghajr hlas bhala parti mill-impieg u ghalhekk l-intimata kienet mistennija li tattendi bhal haddiehor. L-intimata qatt ma gibdet l-attenzjoni lill-attrici li kellha xi diffulta sabiex tattendi ghal dan it-tahrig jew sabiex jinbidel il-hin kif ghamlu impjegati ohra.

Illi l-intimata xehdet permezz ta' affidavit ukoll fejn stqarret illi hija bdiet tahdem ma' l-attrici fit-30 ta' Settembru 2021 wara li kien sarilha interview minn impjegata ohra. L-intimata tghid illi l-attrici kienet taf li hija kompetenti biex taghmel ix-xoghol li ghalih kienet ingaggata tant li mill-ewwel kienet intbaghtet tahdem mal-kumpannija E&L Enterprises Ltd. Gewwa Hal Far.

L-intimata tghid illi damet tahdem 5 xhur u d-direzzjoni tax-xoghol kien jinghata lilha mid-diretturu tal-kumpannija fejn kienet qed tahdem. Tghid illi s-sieghat tax-xoghol taghha kienu mit-08:00 sal-5:00pm u barra dawn is-sieghat kienet tahdem numru ta' sieghat ohra overtime.

Fix-xhieda taghha, l-intimata tghid, "*Minn naha l-ohra, u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta' impieg inniffsu, jien qatt ma fhimt li kelli ebda obbligu nattendi ghat-tahrig u kemm-il darba li kont nircievi emails li kienu jinfurmawni dwar dawn is-seminars jew korsijiet ta' tahrig, jiena qatt ma stajt nattendi u dawn ghar-ragunijeit li semmejt aktar il fuq*." L-intimata issostni illi, minkejja dak li issuggeriet l-attrici u cioe li l-intimata setghet titlaq qabel jew titlob bdil fil-hin tal-kors, hija ma setghetx taghmel dan minhabba li kienet qed tahdem ma' terzi u allura "*kien jiddependi minn fuq min kien qieghed ihaddimni u fejn il-prijorita kienet ix-xoghol u mhux it-tahrig. Barra mill-fatt, nerga intenni nghid, li t-tahrig mehtieg kont qed niehdu minn fuq il-lant tax-xoghol b'ebda spiza ghal Mikela Scerri, OPtimise jew l-impjegati taghha*."

Finalment, l-intimata tghid illi hija qatt ma hadet l-ebda tahrig minghand l-attrici u li l-istediniet ghal tahrig qatt ma kienu juru li kienu obbligatorji.

Fl-udjenza tat-28 ta' Frar 2023, sar il-kontro ezami ta' l-attrici. L-attrici tghid illi l-kuntratt ta' impieg kien jorbot lill-intimata tahdem ma' l-attrici bhala accounts and administration officer u kienet taghmel dan ix-xoghol lil klijenti ta' l-attrici. Mistoqsija kif kienet tkun taf meta l-impjegata taghha u cioe l-intimata kienet tkun mitluba ddum ghand il-klienti, l-attrici wiegbet "*if she didn't communicate then to us I couldn't know them.*" L-attrici tghid illi l-intimata ma kienetx tikkomunika maghha.

L-attrici tghid a Fol. 82, li ma kienx hemm obbligu fil-kuntratt sabiex tattendi ghat-tahrig – "*Hemm it-training huwa provdut, nipprovduh. Issa ovvjament jekk l-impjegati ma jridux jattendu ahna ma nistghux naqbduhom minn ghonqom u ingaghalhom jattendu*." Tghid ukoll illi minbarra dan it-tahrig, hemm ukoll tahrig *on the job* li jinghata mill-managers u impjegati ohra qabel ma' impjegati godda jmorru jahdmu ghand il-klijenti.

Rigward l-ammont mitlub, l-attrici tghid, "*mela l-ammont jinghad, ghandek il-full timer training academy, hemm il-managers jaghtu on the job training. Ikollna managers iduru l-klijenti wkoll meta l-impjegati jkunu ghand il-klijenti. It is based on all the costs jigifieri. . . .*" (Fol. 84) L-attrici tghid illi minhabba dawn l-ispejjez ta' tahrig, fil-kuntratt ikun hemm miktub li jrid jinghara rifuzjoni u dan l-intimata accettatu meta iffirmat il-kuntratt ta' impieg.

Fl-udjenza ta' l-1 ta' Gunju 2023, sar il-kontro ezami ta' l-intimata Martha Mizzi, li qalet illi kienet taf b' din il-klawsola li kellha tirrifondi lura l-ammont ta' Eur 4500 f' kaz li tittermina l-impieg taghha qabel certu zmien. Izda l-intimata tghid illi dan kellu jsir kemm-il darba hija tkun inghatat tahrig.

L-intimata tghid illi hija ma setghetx tattendi ghat-tahrig minhabba problem ta' hin u ghaliex hija t-tahrig kienet qed tiehdu minghand il-klijenti fejn kienet qed tahdem. Tghid ukoll illi hija kienet tircievi l-emails bl-istediniet tat-tahrig izda ma kienetx taf li t-tahrig kien qed jinghata wkoll online Tkompli izzid, illi, "*. . . imma li nista nghid hu li jiena ma' l-Optimize ftit ftit li xejn kelli kuntatt. Qed nghidlek jien lil Mikaela Scerri qatt ma ltqajt maghha.*"

Meta l-intimata giet biex tieqaf mill-impieg, kienet konxja illi kien hemm din il-klawsola ar-rifuzjoni tat-tahrig, Fol.94 – "*Mela jiena meta gejt biex nittermina kelli telefonata qasira ma' Nigel Scerri u ghedtlu li naf biha ghedtlu, imma jiena qatt had ma gie jzurni mill-Optimize jew qatt hadd ma tani xi forma ta' taghlim.*" Izda l-intimata tikkonferma illi s-seminars li kienu jsiru qatt ma attendiet b'volonta taghha.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi din it-talba tirrigwada rifuzjoni ta' flus ta' tahrig waqt impieg a bazi ta' klawsola li tistabilixxi li jekk l-impjegata titlaq qabel il-perjodu ta' tlett snin, ikollha thallas lura l-ammont stabbilit. Din il-klawsola tghid;

"*If the employee terminates the agreement before the period of three (3) years from the date of commencement of the employee . . . the date of commencement of the employment the employee*

*shall reimburse the employer the amount of four thousand five hundred (4,500) representing the expenses for training that was carried out by the employer during the period of employment*."

Illi min-naha l-ohra l-intimata tinsisti illi hija qatt ma rceviet l-ebda tahrig u ghaldaqstant m'ghandiex thallas dan l-ammont. Il-klawsola fil-kuntratt tistabilixxi illi dan l-ammont pre-likwidat jkopri tahrig illi qed jigi provdut mill-employer ghal perjodu ta' tlett snin.

Illi m'hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li din il-klawsola tezisti fil-kuntratt u li effettivament l-konvenuta iffirmat ghaliha. Il-partijiet mhux jaqblu dwar il-fatt illi l-konvenuta qed tghid illi hija ma inghatat l-ebda tahrig minghand l-attrici u ghaldaqstant din il-klawsola ma tistax tidhol fis-sehh.

Illi l-konvenuta tghid illi kien impossibbli ghaliha li tattendi ghal tahrig li kien fil-forma ta' seminars minhabba li dawn kienu jibdew fl-istess hin illi kienet tispicca xoghol taghha. Fl-istess waqt l-attrici tikkonferma illi dan it-tip ta' tahrig ma kienx obbligatorju ghaliex wara kollox ma setghetx tisforza lill-impjegata tmur bilfors.

Illi minn dak mistharreg waqt il-provi, huwa car illi l-konvenuta ma hadet l-ebda tahrig minghand l-attrici u dan ghaliex riedet hi hekk stante illi dak offrut lilha m'attendietx ghalih ghaliex qatt ma marret u/jew qatt ma interessat ruhha tippartecipa b'mod online, filwaqt illi t-tahrig hekk imsejjah '*on the job'*, ma inghatax min-nies ta' l-attrici.

Illi ghaldaqstant fil-fehma ta' dan it-Tribunal, jibqa biss il-fatt illi l-konvenuta iffirmat volontarjament ghal kuntratt li kien fih din il-klawsola cara li jekk titlaq qabel il-perjodu ta' tlett snin kellha thallas dan l-ammont ta' Eur 4500. Issa dan it-tahrig ma hemm l-ebda dubju li kien offrut, kif jixhdu d-diversi emails li kienu jintbaghtu lill-konvenuta.

Illi ghalhekk jirrizulta lil dan it-Tribunal, illi l-ammont ta' Eur 4500 huwa ibbazzat fuq dan it-tahrig kontinwu, b'temi varji li jirrigwardaw ix-xoghol tal-konvenuta u li l-konvenuta kienet libera li taghmel minghajr l-ebda hlas iehor.

Illi t-Tribunal jinnota illi l-klawsola mertu ta' din il-kawza, kif jidher a fol.4 ta' l-atti, kienet tant importanti illi sahansitra kienet miktuba b'tipa iktar skura. Ghaldaqstant l-konvenuta meta ifirmat il-kuntratt kienet taf ghal xiex kienet qed tiffirma u qablet minghajr ma qajjmet l-ebda dubju.

Illi t-tahrig gie ippruvat illi kien offrut kif jidher mid-dokument ipprezentati fil-forma ta' emails (Fol 36-46) li kienu miftuh ghall-impjegati kollha. It-Tribunal huwa tal-fehma illi minbarra l-kuncett illi galdarba il-konvenuta iffirmat il-kuntratt allura isegwi l-principju ta' '*pacta sum servanda'*, hemm il-fatt illi l-attrici kellha u ghandha pjan ta' tahrig ghall-impjegati taghha li kemm-il darba l-impjegati bhal konvenuta jsegwu tali tahtig, allura tkun qed izzid il-valur tal-kapacita tal-konvenuta. Issa jekk il-konvenuta ghazlet li ma tattendiex jew li ma taghmilx mezz kif tkun tista tattendi ghal dan it-tahrig, ma jnaqqas xejn minn dak il-valur ta' tahrig.

Illi ghaldaqstant, fil-fehma ta' dan it-Tribunal, il-konvenuta, meta tat l-avviz tat-terminazzjoni taghha mill-impieg ma' l-attrici, kienet konxja li kellha klawsola fejn riedet thallas kumpens ghal tahrig li kien ippjanat u offrut ghaliha u ghal ohrajn. Dan it-Tribunal isibha difficli biex jaccetta illi wara li persuna b'mod liberu u frank tiffirma kuntratt, tippretendi li klawsoli minnu li tkun kisret jew li joholqu obbligazzjoni fuqha jitnesew jew jithassru a favur taghhom.

Decide

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talba attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont ta' erbat elef u hames mitt Ewro (Eur 4500) lill-attrici, bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mis-7 ta' Marzu 2022 u li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri huma kollha a kariku tal-konvenuta.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur